



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/261 tal-15 ta' Frar 2017 li jstabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/262 tas-6 ta' Frar 2017 li tiddetermina, għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/811/UE 4
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/263 tal-14 ta' Frar 2017 dwar miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju u miżuri għal bijosigurtà rinforzata u s-sistemi tad-detezzjoni bikrija f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn għasafar selvaġġi għat-trażmissjoni ta' virusijiet tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għall-pollam (notifikata bid-dokument C(2017) 765)⁽¹⁾ 6
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/264 tal-14 ta' Frar 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (notifikata bid-dokument C(2017) 766) 12
- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/265 tal-14 ta' Frar 2017 li tinkludi l-Gvern tat-Territorji tal-Majjistral tal-Kanada bħala korp rikonoxxut fil-lista msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1850 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (notifikata bid-dokument C(2017) 757) 43

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni Nru 1/2016 tas-Sottokumitat Doganali tal-UE u tar-Repubblika tal-Moldova tas-6 ta' Ottubru 2016 li tissostitwixxi l-Protokoll II tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva [2017/266]** 45
-

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

- ★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 84/16/COL tas-27 ta' April 2016 li temenda, għal mitt darba u wieħed, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi Linji Gwida ġodda għall-analiżi tal-kompatibilità mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE tal-Għajnuna mill-Istat biex jipromwovu l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew [2017/267]** 49

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/261

tal-15 ta' Frar 2017

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull għurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	337,2
	MA	120,3
	SN	359,5
	TR	130,6
	ZZ	236,9
0707 00 05	MA	64,9
	TR	186,2
	ZZ	125,6
0709 91 00	EG	128,6
	ZZ	128,6
0709 93 10	MA	57,8
	TR	183,0
	ZZ	120,4
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	48,8
	IL	69,5
	MA	48,8
	TN	49,3
	TR	76,6
	ZZ	58,6
	EG	93,2
0805 21 10, 0805 21 90, 0805 29 00	IL	166,2
	JM	122,7
	MA	92,0
	TR	87,8
	ZZ	112,4
	IL	114,7
	MA	103,2
0805 22 00	TR	60,4
	ZZ	92,8
	EG	82,4
	TR	98,8
0805 50 10	ZZ	90,6
	US	105,5
	ZZ	105,5
0808 10 80	CL	121,2
	CN	112,8
	ZA	121,7
	ZZ	118,6
	0808 30 90	

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimentar-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/262

tas-6 ta' Frar 2017

li tiddetermina, għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/811/UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea, kif stipulati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 ta' dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 6 ta' dawk il-Kondizzjonijiet ta' Impjieg,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 240(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Segretarju Ġenerali.
- (2) Sabiex tiġi promossa s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-ġestjoni effettiva tal-persunal, is-Segretarju Ġenerali jenħtieġ li jkollu ambitu usa' li jiddelega s-setgħat tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal") u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea ("il-Kondizzjonijiet ta' Impjieg") lid-Direttur Ġenerali tal-Amministrazzjoni. Barra minn hekk, is-Segretarju Ġenerali jenħtieġ li jkun awtorizzat li jiddelega lid-Diretturi Ġenerali kollha s-setgħa li jiddeċiedu dwar riassenjazzjonijiet u trasferimenti interni skont il-ħtiġijiet tal-persunal fid-Direttorati Ġenerali tagħhom.
- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/811/UE ⁽²⁾ titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal lill-awtorità tal-ħatra u mill-Kondizzjonijiet ta' Impjieg lill-awtorità kompetenti li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ għandhom jiġu eżerċitati, fir-rigward tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill:

- (a) mill-Kunsill fir-rigward tas-Segretarju Ġenerali;
 - (b) mill-Kunsill, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 1a, 30, 34, 41, 49, 50 u 51 tar-Regolamenti tal-Persunal lid-Diretturi Ġenerali;
 - (c) mis-Segretarju Ġenerali f'każijiet oħra.
2. Is-Segretarju Ġenerali huwa awtorizzat li jiddelega, kompletament jew parzjalment, lid-Direttur Ġenerali tal-Amministrazzjoni kwalunkwe setgħa jew is-setgħat kollha tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieg.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jstabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/811/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tiddetermina għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill l-awtorità bis-setgħa ta' ħatra u l-awtorità bis-setgħa ta' konklużjoni tal-kuntratti ta' reklutaġġ u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/444/UE (ĠU L 355, 31.12.2013, p. 91).

3. Is-Segretarju Ġenerali huwa awtorizzat li jiddelega lid-Diretturi Ġenerali kollha s-setgħa fir-rigward tar-riassenjaz-zjonijiet u t-trasferimenti fl-interess tas-servizz fi ħdan id-Direttorati Ġenerali rispettivi tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2013/811/UE hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2017.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/263**tal-14 ta' Frar 2017****dwar miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju u miżuri għal bijosigurtà rinforzata u s-sistemi tad-detezzjoni bikrija f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn għasafar selvaġġi għat-trażmissjoni ta' virusijiet tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għall-pollam***(notifikata bid-dokument C(2017) 765)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u żooteknika applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu animali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-influenza tat-tjur hija marda virali infettiva tal-għasafar, li tinkludi l-pollam. L-infezzjoni bil-virusijiet tal-influenza tat-tjur fil-pollam domestiku tagħti lok għal żewġ forom tal-marda li huma distinti bil-kapaċità tat-tixrid tagħhom. Ġeneralment, il-forma b'patoġeniċità baxxa tikkawża sintomi ħfief biss, filwaqt li l-forma b'patoġeniċità għolja tirriżulta frati għoljin ferm ta' mwiet fil-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet tal-pollam. Dik il-marda jista' jkollha impatt serju fuq il-profitabilità tat-trobbija tal-pollam.
- (2) Id-Direttiva 2005/94/KE tistabbilixxi l-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati f'każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda fil-pollam jew f'għasafar f'kaptività oħrajn u tistipula wkoll ċerti miżuri preventivi li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza u mad-detezzjoni minn kmieni tal-influenza tat-tjur.
- (3) Id-Direttiva 2005/94/KE tistipula wkoll li r-regoli dettaljati meħtieġa mis-sitwazzjoni epidemjoloġika biex jiġu ssupplimentati l-miżuri minimi ta' kontroll stabbiliti f'dik id-Direttiva jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni.
- (4) Għasafar selvaġġi, b'mod partikolari għasafar tal-ilma migratorji selvaġġi, huma magħrufa bħala l-ospitant naturali ta' virusijiet tal-influenza tat-tjur b'livell patoġeniku baxx, li huma jgħorru ġeneralment mingħajr ma juru sinjali ta' dik il-marda, matul il-movimenti migratorji staġjonali tagħhom. Madankollu, minn nofs l-2005 'l hawn, l-evidenza stabbiliet li razza tal-virus tas-sottotip H5N1 tal-influenza tat-tjur b' patoġeniċità għolja ("HPAI") hija kapaċi tinfetta għasafar selvaġġi u tinxtered minnhom fuq distanzi twal ⁽⁴⁾.
- (5) Il-preżenza ta' virusijiet tal-influenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi tirrappreżenta theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-virusijiet f'azjendi agrikoli fejn jinżammu l-pollam jew għasafar oħra f'kaptività bir-riskju ta' tixrid sussegwenti tal-virus minn azjenda agrikola infettata għal azjendi agrikoli oħra.

⁽¹⁾ ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.⁽²⁾ ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.⁽³⁾ ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16.⁽⁴⁾ Scientific Opinion of the Panel on Animal Health and Welfare of the European Food Safety Authority on a request from the European Commission on animal health and welfare aspects of avian influenza and the risk of its introduction into the EU poultry holdings (The EFSA Journal (2008) 715, 1–161).

- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/734/KE ⁽¹⁾ ġiet adottata wara l-introduzzjoni tal-virus HPAI tas-sottotip H5N1 mix-Xlokk tal-Asja għall-Ewropa permezz tat-tixrid lejn il-Punent matul l-2005 sabiex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll li diġà ġew stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tar-riskji maħluqa mit-tixrid interkontinentali bla preċedent tal-virus HPAI minn għasafar selvaġġi.
- (7) Id-Deċiżjoni 2005/734/KE tistipula miżuri ta' bijosigurtà u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni tal-virus HPAI H5N1 minn għasafar selvaġġi għal pollam u għasafar oħra f'kattività billi jiġu pprevenuti kuntatti diretti u indiretti bejn dawn il-popolazzjonijiet. Id-Deċiżjoni 2005/734/KE tesiġi li l-Istati Membri jidentifikaw iż-żoni tat-territorju tagħhom li huma partikolarment f'riskju għall-introduzzjoni tal-virus HPAI H5N1 f'azjendi agrikoli fejn ikun hemm preżenti pollam u għasafar oħra f'kattività, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjoni epidemjoloġika u fatturi tar-riskju speċifiċi. L-Istati Membri huma meħtieġa japplikaw ċerti miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju f'dawk l-oqsma ta' riskju għoli, bħal pereżempju tiżgura li l-pollam ikkonċernat qed jinżamm ġewwa. L-Istati Membri huma mitluba wkoll jiżguraw li s-sidien isiru aktar konxji tar-riskji ta' trażmissjoni u tan-neċessità li jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà fl-azjendi agrikoli tagħhom.
- (8) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2005/734/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jintroduċu sistemi ta' detezzjoni minn kmieni li huma mmirati lejn ir-rappurtar malajr ta' kull sinjal ta' influwenza tat-tjur fil-merħliet tal-pollam mis-sidien lill-awtorità veterinarja kompetenti li għandha tqis il-parametri speċifiċi u bidliet żgħar fil-produzzjoni tad-dejta.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/367/UE ⁽²⁾ tistabblixxi linji gwida dwar l-implimentazzjoni mandatorja mill-Istati Membri ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fil-pollam domestiku u l-għasafar selvaġġi inkluż ir-reqwiziti tal-ikkampjunar u tal-ittestjar fil-laboratorji. Din tippredvi wkoll li l-awtoritajiet kompetenti jiġu notifikati mingħajr dewmien dwar xi mwiet anormali jew mard sinifikanti jew mortalità f'għasafar selvaġġi speċjalment f'għasafar tal-ilma migratorji selvaġġi.
- (10) Waqt l-aħħar parti tal-2014 u l-ewwel parti tal-2015, il-virus HPAI H5N8 iddaħħal fl-Unjoni minn għasafar selvaġġi. Dan ikkawża mortalità ta' rata baxxa ħafna, iżda wassal għal tifqigħat fil-pollam u f'għasafar oħra f'kattività f'bosta Stati Membri oħra.
- (11) Mill-aħħar ta' Ottubru 2016 l-hawn, ġiet individwata razza tal-virus relatata mill-qrib mal-HPAI H5N8 f'għasafar migratorji selvaġġi li prinċipalment instabu mejtin, f'20 Stat Membru, jiġifieri fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fil-Kroazja, fl-Italja, fl-Ungerija, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovenja, fis-Slovakkja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja u fir-Renju Unit, kif ukoll f'pajjiżi terzi fil-qrib bħall-Iżvizzera, is-Serbja u l-Ukraina. Il-biċċa l-kbira tat-tifqigħat ġew ikkonfermati fi Franza, fl-Ungerija u fil-Bulgarija f'ċerti żoni b'għadd kbir ta' azjendi agrikoli li jżommu l-papri u l-wiżż.
- (12) Is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali hija dinamika ħafna u dejjem tevolve. Il-movimenti tal-għasafar migratorji qed ikomplu u l-attivitajiet ta' sorveljanza kontinwa min-naħa tal-Istati Membri qed ikomplu jidentifikaw il-virus HPAI H5N8 fl-għasafar selvaġġi. Għalhekk, il-virus se jibqa' theddida għal pollam u għasafar oħra f'kattività fl-Unjoni għax-xhur li ġejjin u x'aktarx matul movimenti staġjonali ulterjuri ta' għasafar migratorji bir-riskju ta' trażmissjoni ikbar tal-virus bejn azjendi agrikoli f'ċerti ambjenti b'riskju għoli.
- (13) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) bħalissa qed tħejji opinjoni xjentifika komprensiva dwar l-influwenza tat-tjur li għandha tiġi ffinalizzata f'Settembru 2017. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tal-epidemija tal-HPAI H5N8, l-EFSA ntalbet tippredvi valutazzjoni urġenti tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u pariri xjentifiċi preliminari dwar l-adeqwatezza tal-miżuri protettivi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn għasafar selvaġġi infettati bl-HPAI H5N8.
- (14) Fl-20 ta' Diċembru 2016, il-Grupp ta' Esperti Xjentifiċi fis-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali tal-EFSA ppubblika d-dikjarazzjoni li ġejja: "Rikjesta urġenti dwar l-influwenza tat-tjur" ⁽³⁾ li tikkonferma li l-implimentazzjoni stretta tal-miżuri tal-bijosigurtà u tal-mitigazzjoni tar-riskji huma l-aktar mezz importanti biex tiġi evitata t-trażmissjoni

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni 2005/734/KE tad-19 ta' Ottubru 2005 li tistabblixxi miżuri ta' bijosigurtà sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kkawżata mis-sottotip H5N1 tal-virus A tal-Influwenza minn għasafar selvaġġi fl-ambjenti naturali tagħhom għal tjur tal-irziezet u għasafar oħra mrobbija mill-bniedem u li tippredvi sistema ta' ditezzjoni minn kmieni f'żoni b'riskju partikolari (ĠU L 274, 20.10.2005, p. 105).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/367/UE tal-25 ta' Ġunju 2010 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u t-tjur selvaġġ (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 22).

⁽³⁾ EFSA Journal 2017;15(1):4687, 32 pp. doi:10.2903/j.efsa.2016.4687.

ta' virusijiet tal-HPAI, taż-żewġ tas-sottotipi H5 u H7, direttament jew indirettament minn għasafar selvaġġi għal ġo azjendi agrikoli li fihom jinżammu l-pollam u l-għasafar f'kaptività. Il-bijosigurtà f'azjendi agrikoli ta' dan it-tip għandha tkun prattika ta' rutina u għandha tissaħħa matul perjodi ta' riskju akbar.

- (15) L-EFSA kkonkludiet ukoll li s-sorveljanza passiva ta' għasafar selvaġġi hija l-aktar mezz effettiv għad-detezzjoni bikrija tal-preżenza tal-virusijiet tal-HPAI f'għasafar selvaġġi u tirrakkomanda li jiġu mmirati t-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar tal-għasafar selvaġġi u b'hekk jissaħħu ċerti dispożizzjonijiet dwar l-għasafar selvaġġi stabbiliti fil-linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/367/UE.
- (16) L-EFSA tirreferi wkoll għall-valutazzjoni ⁽¹⁾ mwettqa miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) li tgħid li s'issa, fid-dinja kollha ma ġew irrappurtati l-ebda infezzjonijiet fil-bniedem bil-virus HPAI H5N8 attwali u li karatterizzazzjoni ulterjuri tal-virus turi li għadu essenzjalment virus tal-għasafar mingħajr l-ebda affinità speċifika żejda għall-bniedem.
- (17) L-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2005/734/KE juru li għandha tinżamm il-flessibilità sabiex dawk il-miżuri jkunu jistgħu jiġu adattati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Istati Membri individwali.
- (18) Sabiex tintlaħaq il-mira tal-popolazzjonijiet ta' għasafar li huma l-aktar friskju u sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu mmirati ċerti miżuri preventivi lejn azjendi agrikoli li fihom jinżammu l-pollam.
- (19) Il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2005/734/KE għandhom għalhekk jiġu rieżaminati u adattati biex jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-pollam u fl-għasafar selvaġġi fl-Istati Membri, id-dikjarazzjoni dwar l-influenza tat-tjur ppubblikata mill-EFSA fl-20 ta' Diċembru 2016 u l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni prattika tal-miżuri stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni.
- (20) Il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2005/734/KE ġew emendati u estiżi diversi drabi u huma applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2017. Għal iktar ċarezza fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-Deċiżjoni 2005/734/KE għandha titħassar u tibdel b'din id-Deċiżjoni.
- (21) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu rieżaminati, jekk neċessarju, fid-dawl tal-eżitu finali tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA dwar l-influenza tat-tjur li għandu jiġi ffinalizzat f'Settembru 2017.
- (22) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2018.
- (23) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOZZAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u sistemi ta' detezzjoni bikrija f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn għasafar selvaġġi għall-introduzzjoni tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) f'azjendi agrikoli kif ukoll miżuri biex itejbu l-għarfien fost is-sidien dwar dawn ir-riskji u dwar il-ħtieġa li jimplementaw jew isaħħu l-miżuri tal-bijosigurtà fl-azjendi agrikoli tagħhom.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet preżentati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/94/KE.

⁽¹⁾ European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC), 2016, RAPID RISK ASSESSMENT: Outbreaks of highly pathogenic avian influenza A(H5N8) in Europe: <http://ecdc.europa.eu/en/publications/Publications/risk-assessment-avian-influenza-H5N8-europe.pdf>

Artikolu 3

Identifikazzjoni taż-żoni ta' riskju għoli għall-introduzzjoni tal-virusijiet tal-HPAI

L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jeżaminaw mill-ġdid iż-żoni tat-territorju tagħhom li huma f'riskju partikolari għall-introduzzjoni tal-virusijiet tal-HPAI fl-azjendi agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "żoni ta' riskju għoli") kif ukoll il-perjodu ta' żmien li matulu dan ir-riskju jipersisti, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom jew fit-territorju tal-Istati Membri jew pajjiżi terzi fil-qrib, b'mod partikolari fir-rigward ta':
 - (i) id-detezzjoni ta' virusijiet tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi jew fil-feċi miġbura minnhom;
 - (ii) it-tifqigħat tal-HPAI fl-azjendi agrikoli li fihom jinżammu l-pollam jew għasafar oħra f'kaptività li x'aktarx li huma relatati mad-detezzjoni tal-virusijiet tal-HPAI kif imsemmi fil-punt (i);
 - (iii) id-detezzjonijiet preċedenti ta' virusijiet tal-HPAI, kif imsemmi f'(i) u (ii) u r-riskju ta' okkorrenza mill-ġdid;
- (b) il-fatturi ta' riskju għall-introduzzjoni ta' virusijiet tal-HPAI f'azjendi agrikoli, b'mod partikolari fir-rigward ta':
 - (i) il-pożizzjoni tagħhom tul ir-rotta migratorja tal-għasafar, b'mod partikolari meta l-għasafar ikunu ġejjin mill-Asja ċentrali jew tal-Lvant, miż-żoni tal-Baħar Kaspju u tal-Baħar l-Iswed, mill-Lvant Nofsani u mill-Afrika;
 - (ii) id-distanza bejn l-azjenda agrikola u artijiet mistagħdra, għadajjar, paludi, lagi jew xmajjar fejn jistgħu jinġabru l-għasafar migratorji, b'mod partikolari dawk tal-ordnijiet Anseriformes u Charadriiformes;
 - (iii) il-post fejn jinsabu l-azjendi agrikoli f'żoni b'densità għolja ta' għasafar migratorji, partikolarment għasafar tal-ilma;
 - (iv) it-tjur li jinżammu f'azjendi agrikoli mikxufa, fejn il-kuntatt bejn l-għasafar selvaġġi u l-pollam ma jkunx jista' jiġi evitat b'mod suffiċjenti.
- (c) il-fatturi ta' riskju addizzjonali għat-tixrid tal-virusijiet tal-HPAI fi ħdan u bejn dawn l-azjendi agrikoli, b'mod partikolari, meta:
 - (i) il-post fejn tinsab l-azjenda agrikola jkun f'żoni b'densità għolja ta' azjendi agrikoli;
 - (ii) l-intensità ta' movimenti ta' pollam, ta' vetturi u ta' persuni, fl-azjendi agrikoli u minnhom u kuntatti diretti jew indiretti oħra bejn azjenda agrikola u oħra jkunu għoljin;
- (d) il-valutazzjonijiet tar-riskju b'rabta mar-relevanza tat-tixrid tal-virusijiet tal-HPAI minn għasafar selvaġġi jitwettqu mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u minn korpi internazzjonali tal-valutazzjoni tar-riskju;
- (e) ir-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza mwettqa skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/94/KE.

Artikolu 4

Miżuri ta' riskji ta' mitigazzjoni

1. Skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika speċifika fit-territorju tagħhom u sakemm ikun hemm bżonn, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u prattikabbli sabiex inaqqsu r-riskju ta' trażmissjoni mill-virusijiet tal-HPAI minn għasafar selvaġġi għall-pollam f'żoni ta' riskju għoli.
2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu diretti, partikolarment, lejn il-prevenzjoni ta' kuntatt dirett jew indirett bejn għasafar selvaġġi, u b'mod partikolari għasafar tal-ilma migratorji selvaġġi, u l-pollam u b'mod partikolari l-papri u l-wiżż.
3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu dawn li ġejjin fiż-żoni ta' riskju għoli:
 - (a) iż-żamma tal-pollam fil-miftuħ;
 - (b) l-użu ta' ġibjuni tal-ilma li qegħdin fil-miftuħ għall-pollam;

- (c) l-għoti tal-ilma lill-pollam mill-ilma tal-wiċċ fil-ġibjuni li għandhom aċċess għalih l-għasafar selvaġġi.
 - (d) il-ħażna ta' għalf għall-pollam li ma tkunx protetta minn għasafar selvaġġi jew annimali oħra.
4. Bħala miżuri ulterjuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu:
- (a) il-ġbir flimkien tal-pollam u għasafar oħra f'kaptività fis-swieq, wirjiet, esebizzjonijiet u avvenimenti kulturali;
 - (b) l-użu tal-għasafar tat-taħrik tal-ordnijiet Anseriformes u Charadriiformes ("għasafar tat-taħrik").
5. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw mill-ġdid l-miżuri li haġu skont il-paragrafi 1 sa 4 b'mod regolari sabiex jaġġustawhom u jadattawhom biex iqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika, inklużi r-riskji kkawżati minn għasafar selvaġġi.

Artikolu 5

Sensibilizzazzjoni u miżuri ta' sigurtà

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-miżuri meħtieġa fis-seħħ li jqajmu kuxjenza dwar ir-riskji tal-HPAI fost il-partijiet ikkonċernati attivi fis-settur tal-pollam u biex jipprovdulhom informazzjoni dwar il-miżuri ta' bijosigurtà l-aktar xierqa, b'mod partikolari l-miżuri li jridu jiġu eżegwiti f'żoni ta' riskju għoli, permezz tal-mezzi l-aktar xierqa biex titressaq din l-informazzjoni għall-attenzjoni tagħhom.

Artikolu 6

Derogi mill-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji stabbiliti fl-Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 4(3) u bil-kundizzjoni li jkunu fis-seħħ miżuri tal-bijosigurtà sabiex jiġi evitat ir-riskju tat-trażmissjoni tal-virusijiet tal-HPAI, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw dawn li ġejjin:
- (a) iż-żamma tal-pollam fil-miftuħ, soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) il-pollam huwa protett kontra kuntatt ma' għasafar selvaġġi bi xbieki jew b'soqfa jew b'mezz xieraq ieħor; jew
 - (ii) il-pollam huwa mill-inqas mogħti l-għalf u l-ilma ġewwa jew f'post kenni li jiskoraġġixxi b'mod suffiċjenti l-inżul ta' għasafar selvaġġi u b'hekk jiġi evitat il-kuntatt ta' għasafar selvaġġi mal-ikel u l-ilma intenzjonat għall-pollam.
 - (b) l-użu ta' ġibjuni tal-ilma fil-miftuħ meta jkunu meħtieġa għal-raġunijiet ta' benessri tal-annimali għal ċertu pollam u jkunu skrinjati b'mod suffiċjenti kontra l-għasafar tal-ilma selvaġġi;
 - (c) l-għoti tal-ilma lil pollam minn ilma tal-wiċċ li għandhom aċċess għalih l-għasafar tal-ilma selvaġġi wara t-trattament biex tkun żgurata l-inattivazzjoni tal-virusijiet tal-influenza tat-tjur.
2. B'deroga mill-Artikolu 4(4) u bil-kundizzjoni li jkunu fis-seħħ miżuri tal-bijosigurtà sabiex jiġi evitat ir-riskju tat-trażmissjoni tal-virusijiet tal-HPAI, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw dawn li ġejjin:
- (a) il-ġbir flimkien tal-pollam u għasafar oħra f'kaptività fis-swieq, wirjiet, esebizzjonijiet u avvenimenti kulturali;
 - (b) l-użu ta' għasafar tat-taħrik:
 - (i) fil-qafas ta' programm ta' sorveljanza għall-influenza tat-tjur mwettaq skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/94/KE, il-proġetti tar-riċerka, l-istudji ornitoloġiċi jew kwalunkwe attività oħra approvata mill-awtorità kompetenti; jew
 - (ii) skont il-miżuri xierqa u d-dispożizzjonijiet dwar il-bijosigurtà, li huma mmirati lejn il-prevenzjoni tat-trażmissjoni tal-virus tal-HPAI lill-pollam.

*Artikolu 7***Sistemi ta' detezzjoni bikrija f'qatgħat tal-pollam**

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu jew jirrinforzaw is-sistemi ta' detezzjoni bikrija mmirati lejn ir-rappurtar rapidu mis-sidien lill-awtorità kompetenti ta' kull sinjal ta' influwenza tat-tjur f'qatgħat tal-pollam f'azjendi agrikoli li jkunu jinsabu f'żoni ta' riskju għoli.
2. Is-sistemi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom mill-inqas jikkunsidraw tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-għalf u tal-ilma u fil-produzzjoni tal-bajd, ir-rata ta' mortalità osservata u kwalunkwe sinjal kliniku jew leżjoni *post-mortem* li jissuġġerixxu l-preżenza tal-virus tal-HPAI filwaqt li titqies il-varjazzjoni ta' dawn il-parametri fi speċijiet tal-pollam u tipi ta' produzzjoni differenti.

*Artikolu 8***Sorveljanza akbar tal-għasafar selvaġġi**

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ż-żieda fis-sorveljanza passiva ta' għasafar selvaġġi tal-popolazzjonijiet u ż-żieda fil-monitoraġġ ta' għasafar mejta jew morda tkun saret f'konformità mal-linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/367/UE b'attenzjoni speċifika għall-lista ta' speċijiet fil-mira għat-teħid ta' kampjuni u għall-ittestjar fil-laboratorju stabbilita f'dik id-Deċiżjoni u għall-ispeċi ta' għasafar selvaġġi oħra li jkunu wrew li ġew infettati bil-virusijiet tal-HPAI.
2. L-awtorità kompetenti tista' timmira l-ikkampjunar u l-ittestjar fil-laboratorju ta' għasafar selvaġġi fuq speċijiet u f'żoni ġeografiċi li ma jkunux ġew affettwati qabel mill-virus tal-HPAI.

*Artikolu 9***Obbliġi ta' konformità u informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom iżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar il-miżuri li jieħdu biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u, jekk ikunux ingħataw derogi skont l-Artikolu 6.

*Artikolu 10***Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2005/734/KE titħassar.

*Artikolu 11***Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 12***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/264**tal-14 ta' Frar 2017****li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)***(notifikata bid-dokument C(2017) 766)***(It-testi bil-Bulgaru, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Francċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 ⁽²⁾ u mill-1 ta' Jannar 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika r-riżultati ta' dawn il-verifiki lill-Istati Membri, tieħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tibda diskussjoni bilaterali biex ikun jista' jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, u b'mod formali tikkomunikalhom il-konklużjonijiet tagħha.
- (2) L-Istati Membri kellhom l-opportunità li jitolbu t-tneđija ta' proċedura ta' konċiljazzjoni. Din l-opportunità ntużat fxi każijiet u r-rapporti li nħarġu dwar ir-riżultati ġew eżaminati mill-Kummissjoni.
- (3) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma tkunx inkisret il-liġi tal-Unjoni.
- (4) Fid-dawl tal-verifiki li twettqu, fid-dawl tar-riżultat li ħareġ mid-diskussjonijiet bilaterali u mill-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti min-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għaldaqstant, ma tistax tiġi ffinanzjata mill-FAEG u mill-FAEŻR.
- (5) Għandhom jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa li jistgħu jitħallsu mill-FAEG u mill-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa mġarrba aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.
- (6) Rigward il-każijiet koperti b'din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu esklużi minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri frapport ta' sinteżi li ħarġet il-Kummissjoni dwar is-suġġett ⁽³⁾.
- (7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kull konklużjoni finanzjarja li tista' tasal għaliha l-Kummissjoni abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti stabbiliti fl-Anness u li huma marbuta man-nefqa li ġarrbu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri u ddikjarati skont il-FAEG jew il-FAEŻR għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni — (ĠUL 209, 11.8.2005, p. 1).⁽³⁾ Ares(2017) 555605, l-1 ta' Frar 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lill-Ungerija, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju tal-Iżvezja, lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

Id-Deċiżjoni: 53

Partita tal-Baġit: 05040501

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
SI	Ċertifikazzjoni	2013	Djun tal-FAEŻR iddikjarati qabel iż-żmien bħala irrekupe-rabbli	TA' DARBA		EUR	1 214,10	0,00	1 214,10
					Total SI:	EUR	1 214,10	0,00	1 214,10

Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
EUR	1 214,10	0,00	1 214,10

Partita tal-Baġit: 05070107

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
PT	Awditu finanzjarju — Pagamenti tardivi u skadenzi ta' pagament	2012	Korrezzjoni minħabba pagamenti tardivi	TA' DARBA		EUR	- 341 058,21	- 613 918,73	272 860,52
	Awditu finanzjarju — Superament	2012	Korrezzjoni minħabba superament tal-limiti massimi	TA' DARBA		EUR	- 2 249 991,75	- 2 249 991,75	0,00
					Total PT:	EUR	- 2 591 049,96	- 2 863 910,48	272 860,52
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
SI	Ċertifikazzjoni	2013	Żbalji magħrufa tas-SIAK tal-FAEG	TA' DARBA		EUR	285,33	0,00	285,33
					Total SI:	EUR	285,33	0,00	285,33

Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
EUR	- 2 590 764,63	- 2 863 910,48	273 145,85

Partita tal-Baġit: 6701

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
AT	Ċertifikazzjoni	2014	Approvazzjoni finanzjarja SF2014	TA' DARBA		EUR	- 827 514,15	0,00	- 827 514,15
					Total AT:	EUR	- 827 514,15	0,00	- 827 514,15
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
BG	Ċertifikazzjoni	2013	Irkupru ta' żbalji amministrattivi tal-FAEG	TA' DARBA		EUR	- 808 946,28	0,00	- 808 946,28
	Ċertifikazzjoni	2014	Żball magħruf tas-SIAK tal-FAEG	TA' DARBA		EUR	- 23 513,30	0,00	- 23 513,30
	Ċertifikazzjoni	2013	Dikjarazzjonijiet eċċessivi tas-SIAK tal-FAEG	TA' DARBA		EUR	- 12 839,99	0,00	- 12 839,99
					Total BG:	EUR	- 845 299,57	0,00	- 845 299,57
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
CY	Kundizzjonalità	2014	Nuqqasijiet fl-4 kontrolli ewlenin u fiż-2 kontrolli anċillari (statistika ta' kontroll, superviżjoni) — Għajnuna Diretta—sena tat-talba 2013	RATA FISSA	10,00 %	EUR	- 516 617,16	0,00	- 516 617,16
	Kundizzjonalità	2015	Nuqqasijiet fl-4 kontrolli ewlenin u fiż-2 kontrolli anċillari (statistika ta' kontroll, superviżjoni) — Għajnuna Diretta—sena tat-talba 2014	RATA FISSA	10,00 %	EUR	- 503 559,05	- 8 178,75	- 495 380,30

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Kundizzjonalità	2013	Nuqqasijiet fl-4 kontrolli ewlenin u fiż-2 kontrolli anċillari (statistika ta' kontroll, superviżjoni) — Inbid — sena tat-talba 2014	RATA FISSA	10,00 %	EUR	- 29 474,10	0,00	- 29 474,10
	Kundizzjonalità	2014	Nuqqasijiet fl-4 kontrolli ewlenin u fiż-2 kontrolli anċillari (statistika ta' kontroll, superviżjoni) — Inbid — sena tat-talba 2014	RATA FISSA	10,00 %	EUR	- 2 023,66	0,00	- 2 023,66
					Total CY:	EUR	- 1 051 673,97	- 8 178,75	- 1 043 495,22
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
DE	Kundizzjonalità	2013	Evalwazzjoni żbaljata tal-annimali b'2 ċombiet tal-widna neqsin (SMRs 7, 8) — sena tat-talba 2012	TA' DARBA		EUR	- 38 456,61	0,00	- 38 456,61
	Kundizzjonalità	2014	Evalwazzjoni żbaljata tal-annimali b'2 ċombiet tal-widna neqsin (SMRs 7, 8) — sena tat-talba 2013	TA' DARBA		EUR	- 45 384,43	0,00	- 45 384,43
	Kundizzjonalità	2015	Evalwazzjoni żbaljata tal-annimali b'2 ċombiet tal-widna neqsin (SMRs 7, 8) — sena tat-talba 2014	TA' DARBA		EUR	- 95 307,89	0,00	- 95 307,89
	Ċertifikazzjoni	2011	Ir-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor — ammonti ineliġibbli	TA' DARBA		EUR	- 17 137,39	0,00	- 17 137,39

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Ċertifikazzjoni	2012	Ir-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor — ammonti ineliġibbli	TA' DARBA		EUR	- 1 731 625,19	0,00	- 1 731 625,19
	Irregolaritajiet	2010	Dgħufijiet fil-proċeduri ta' ġestjoni tad-dejn	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 1 964 861,71	0,00	- 1 964 861,71
					Total DE:	EUR	- 3 892 773,22	0,00	- 3 892 773,22
Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
ES	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	kundizzjonijiet għar-rikonoxximent mhux issodisfati	TA' DARBA		EUR	- 33 191,89	- 10 156,42	- 23 035,47
	Skrutinju tat-tranżazzjonijiet	2010	skrutinji tardivi f'La Rioja u Andalucía	RATA FISSA	0,50 %	EUR	- 146 150,05	0,00	- 146 150,05
	Skrutinju tat-tranżazzjonijiet	2011	skrutinji tardivi f'La Rioja u Andalucía	RATA FISSA	0,50 %	EUR	- 93 858,26	0,00	- 93 858,26
	Skrutinju tat-tranżazzjonijiet	2012	skrutinji tardivi f'La Rioja u Andalucía	RATA FISSA	0,50 %	EUR	- 35 460,70	0,00	- 35 460,70
	Skrutinju tat-tranżazzjonijiet	2010	Twettiq tardiv tal-iskrutinji — La Rioja	RATA FISSA	0,50 %	EUR	- 2 995,48	0,00	- 2 995,48
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Andalucía	TA' DARBA		EUR	- 1 531 131,62	- 9 722,69	- 1 521 408,93
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2010	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Andalucía	TA' DARBA		EUR	- 2 159 599,27	- 41 333,00	- 2 118 266,27

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2011	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Andalucía	TA' DARBA		EUR	- 1 456 751,54	- 36 337,16	- 1 420 414,38
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2012	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Andalucía	TA' DARBA		EUR	- 1 499 753,12	- 14 200,84	- 1 485 552,28
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2013	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Andalucía	TA' DARBA		EUR	- 896 215,57	- 2 557,15	- 893 658,42
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Aragon	TA' DARBA		EUR	- 8 679,88	- 55,12	- 8 624,76
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2010	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Aragon	TA' DARBA		EUR	- 10 681,51	- 534,08	- 10 147,43
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2011	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Aragon	TA' DARBA		EUR	- 28 978,00	- 175,03	- 28 802,97
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2012	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Aragon	TA' DARBA		EUR	- 84 663,69	0,00	- 84 663,69
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2013	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Aragon	TA' DARBA		EUR	- 84 019,25	0,00	- 84 019,25
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Balears	TA' DARBA		EUR	- 11 860,02	- 75,32	- 11 784,70

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2010	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Balears	TA' DARBA		EUR	- 14 278,97	- 86,25	- 14 192,72
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2011	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Balears	TA' DARBA		EUR	- 233 449,16	- 2 262,89	- 231 186,27
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2012	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Balears	TA' DARBA		EUR	- 13 983,26	- 79,24	- 13 904,02
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2013	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Balears	TA' DARBA		EUR	- 8 720,47	- 113,07	- 8 607,40
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Canarias	TA' DARBA		EUR	- 22 767,51	- 798,11	- 21 969,40
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2010	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Canarias	TA' DARBA		EUR	- 54 144,30	- 15 229,33	- 38 914,97
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2011	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Canarias	TA' DARBA		EUR	- 83 110,99	- 4 155,55	- 78 955,44
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2012	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Canarias	TA' DARBA		EUR	- 127 228,11	- 1 732,48	- 125 495,63
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2013	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Canarias	TA' DARBA		EUR	- 114 108,33	- 1 463,88	- 112 644,45

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Valuta	Ammont	Tnaqqis	Impatt Finanzjarju
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2009	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Castilla la Mancha	TA' DARBA		EUR	- 26 883,50	- 1 712,30	- 25 171,20
	Frott u Ħxejjex — Programmi Operazzjonali	2010	Nefqa ineliġibbli — miżuri ambjentali — Castilla la Mancha	TA' DARBA		EUR	- 15 731,99	- 95,02	- 15 636,97
2. Sakemm jidħlu fis-seħħ tali regoli tal-orijini negozjati mill-ġdid, ir-regoli tal-orijini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, għandhom ikomplu japplikaw għal dan il-Ftehim. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-orijini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu akkumulazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova biss.

⁽¹⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.

*Artikolu 5***Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni — kumulazzjoni**

Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni, fejn il-kumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni Ewropea, it-Turkija, il-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u r-Repubblika tal-Moldova, il-prova tal-orìġini tista' tkun ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-orìġini.”

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 84/16/COL

tas-27 ta' April 2016

li temenda, għal mitt darba u wieħed, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat billi tintroduċi Linji Gwida ġodda għall-analiżi tal-kompatibilità mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE tal-Ghajjnuna mill-Istat biex jippromwovu l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew [2017/267]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ("L-AWTORITÀ"),

WARA li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("Il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi:

Skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE li jikkonċernaw l-ghajjnuna mill-Istat,

Skont l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha tkun obbligata li toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim tas-Sorveljanza jew tal-Qorti espressament jipprovdi hekk jew jekk l-Awtorità tikkunsidra li huwa neċċesarju,

Fl-20 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat komunikazzjoni li tistabbilixxi l-"kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-ghajjnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni" ⁽¹⁾. Il-komunikazzjoni tapplika mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Din il-komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

Għandha tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli taż-ŻEE dwar għajjnuna mill-Istat fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha skont l-objettiv tal-omoġeneità stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ŻEE,

Skont il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fil-paġna 9 tal-Anness XV tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tadotta atti li jkunu jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummissjoni Ewropea,

WARA li kkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea,

WARA li kkonsultat lill-Istati tal-EFTA permezz ta' ittra datata 25 ta' Jannar 2016 dwar dan is-suġġett,

⁽¹⁾ ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-regoli sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat għandhom jiġu emendati billi jiġu introdotti Linji Gwida ġodda għall-analiżi tal-kompatibilità mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE tal-ghajjnuna mill-Istat biex tiġi promossa l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew. Il-Linji Gwida l-ġodda huma annessi ma' din id-Deċiżjoni u jiffurmaw parti integrali minnha.

Artikolu 2

Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża biss ta' din id-deċiżjoni hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2016.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sven Erik SVEDMAN

Il-President

Frank BÜCHEL

Membri tal-Kulleġġ

—

ANNEX

Linji Gwida għall-analiżi tal-kompatibilità mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew ⁽¹⁾

WERREJ

1. Introduzzjoni
2. Kamp ta' applikazzjoni
3. Kriterji ta' eliġibbiltà
 - 3.1. Definizzjoni ta' proġett
 - 3.2. Interess komuni Ewropew
 - 3.2.1. Kriterji kumulattivi ġenerali
 - 3.2.2. Indikaturi pożittivi ġenerali
 - 3.2.3. Kriterji speċifiċi
 - 3.3. Importanza tal-proġett
4. Kriterji ta' kompatibilità
 - 4.1. Ħtieġa u proporzjonalità tal-għajnuna
 - 4.2. Prevenzjoni ta' distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u test ta' bilanċjar
 - 4.3. Trasparenza
5. Dispożizzjonijiet finali
 - 5.1. Obbligu ta' notifika
 - 5.2. Evalwazzjoni *ex post* u rappurtar
 - 5.3. Dħul fis-seħħ, validità u revizzjoni

Kostijiet eliġibbli

1. Introduzzjoni

1. Dan il-Kapitolu tal-Linji Gwida jipprovdi gwida dwar il-valutazzjoni, skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tal-finanzjament pubbliku ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew (Important Projects of Common European Interest, IPCEIs).

⁽¹⁾ Dawn il-linji gwida jikkorrispondu għal komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew, ippublikata fl-20 ta' Ġunju 2014 (ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4).

2. L-IPCEIs jistgħu jirrappreżentaw kontribut importanti ħafna għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-kompetittività għall-industrija u l-ekonomija taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fid-dawl tal-effetti konsegwenzjali pożittivi tagħhom fuq is-suq intern u s-soċjetà.
3. L-IPCEIs jagħmluha possibbli li jinġabru flimkien għarfien, kompetenzi, riżorsi finanzjarji u atturi ekonomiċi minn madwar iż-ŻEE, biex jingħelbu fallimenti sistemċi jew tas-suq importanti u sfidi tas-soċjetà li kieku ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati. Huma maħsuba biex jiġbru flimkien lis-settur privat u lis-settur pubbliku biex isiru proġetti fuq skala kbira li jipprovdu benefiċċji sinifikanti liż-ŻEE u liċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti.
4. L-IPCEIs jistgħu jkunu rilevanti għall-politiki u l-azzjonijiet kollha li jissodisfaw objettivi Ewropej komuni, b'mod partikolari fir-rigward tal-obiettivi Ewropa 2020 ⁽¹⁾, l-inizjattivi emblematiċi tal-Unjoni Ewropea u l-oqsma ewlenin għat-tkabbir ekonomiku bħat-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali ⁽²⁾ (Key Enabling Technologies, KETs).
5. L-inizjattiva tal-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat (State Aid Modernisation, SAM) ⁽³⁾ titlob li l-għajnuna mill-Istat tkun diretta lejn objettivi ta' interess komuni Ewropew b'konformità mal-prijoritajiet tal-aġenda Ewropa 2020, biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq jew nuqqasijiet sistemċi importanti oħrajn li jxekklu l-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi u l-iżvilupp ta' suq intern integrat, dinamiku u kompetittiv. L-introduzzjoni tal-IPCEIs spiss titlob parteċipazzjoni sinifikanti mill-awtoritajiet pubbliċi peress li kieku s-suq ma jiffinanzjazzja proġetti bħal dawn. F'każ li l-finanzjament pubbliku ta' dawn il-proġetti jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi r-regoli applikabbli sabiex ikun żgurat li jinżammu kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.
6. Is-SAM tikkostitwixxi opportunità tajba biex taġġorna u tikkonsolida l-gwida eżistenti f'dokument wieħed sabiex tiġi konformi mal-obiettivi tal-Ewropa 2020 u l-miri tas-SAM u tiġi estiża għal oqsma oħra fejn tista' tapplika wkoll. Dawn il-Linji Gwida b'hekk jieħdu post kull dispożizzjoni eżistenti dwar l-IPCEI. B'dan il-mod, dawn il-Linji Gwida jipprovdu lill-Partijiet Kontraenti gwida dedikata u li tolgot oqsma differenti bl-għan li jħeġġu l-iżvilupp ta' proġetti kollaborattivi importanti li jipprovowu l-interess komuni Ewropew.
7. L-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE jistipula li għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, dawn il-Linji Gwida jstabbilixxu gwida dwar il-kriterji li se tapplika l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni tal-IPCEIs. Dawn l-ewwel jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kif ukoll jipprovdu lista ta' kriterji li l-Awtorità se tuża biex tivvaluta n-natura u l-importanza ta' dawn il-proġetti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE. Dawn jispjegaw ukoll kif l-Awtorità se tivvaluta l-kompatibilità tal-finanzjament pubbliku tal-IPCEIs skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
8. Dawn il-Linji Gwida ma jeskludux il-possibilità li l-għajnuna li tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' IPCEIs tista' tinstab ukoll li tkun kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet oħrajn, l-iktar l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom. Il-qafas tal-għajnuna mill-Istat bħalissa qed jiġi modernizzat bil-ħsieb li joffri lill-Partijiet Kontraenti iktar possibiltajiet biex jiġu ssussidjati proġetti importanti li jirrimedjaw għall-fallimenti tas-suq u l-isfidi ta' koeżjoni f'oqsma differenti sabiex jiġu promossi t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu ma jindirizzawx għal kolloxx ir-rilevanza, l-ispeċifitàjiet u l-karattaristiċi tal-IPCEIs, li jistgħu jirrikjedu eliġibilità ddedikata, kompatibilità u dispożizzjonijiet proċedurali, li huma stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.

2. Kamp ta' applikazzjoni

9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-IPCEIs fis-setturi kollha tal-attività ekonomika.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Ewropa 2020, Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, COM(2010) 2020 finali, it-3 ta' Marzu 2010.

⁽²⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — "Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ — Pont għat-tkabbir u l-impjiegi", COM(2012) 341 finali, is-26 ta' Ġunju 2012.

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM), COM(2012) 209 finali, it-8 ta' Mejju 2012.

10. Dawn il-Linji Gwida ma għandhomx japplikaw għal:
- (a) miżuri li jinvolvu għajjnuna mill-impriżi f'diffikultà, kif definit mil-linji gwida ta' salvataġġ u ristrutturazzjoni ⁽¹⁾ jew kwalunkwe linja gwida suċċessur tagħhom, kif emendati jew sostitwiti;
 - (b) miżuri li jinvolvu għajjnuna lil impriżi li jkunu soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Awtorità li tkun iddikjarat l-għajjnuna bħala waħda illegali u inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE;
 - (c) miżuri ta' għajjnuna li fihom infushom, minħabba l-kundizzjonijiet meħmuża magħhom jew il-metodu ta' finanzjament tagħhom, jinvolvu ksur mhux separabbli tal-liġi tal-Unjoni taż-ŻEE ⁽²⁾, b'mod partikolari:
 - miżuri ta' għajjnuna fejn l-għoti ta' għajjnuna jkun soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju jkollu l-kwartieri tiegħu fil-Parti Kontraenti rilevanti jew li jkun stabbilit b'mod predominanti fit-tali Parti Kontraent,
 - miżuri ta' għajjnuna fejn l-għoti ta' għajjnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali;
 - miżuri ta' għajjnuna li jllimitaw il-possibbiltà li l-benefiċjarju jisfrutta r-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'Partijiet Kontraenti oħrajn.

3. Kriterji ta' eliġibbiltà

11. Fid-determinazzjoni ta' jekk il-proġett jaqax taħt l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE, japplikaw il-kriterji li ġejjin:

3.1. Definizzjoni ta' proġett

12. Il-proposta għal għajjnuna tikkonċerna proġett uniku li jkun iddefinit b'mod ċar fir-rigward tal-oġġettivi tiegħu kif ukoll it-termini tal-implimentazzjoni tiegħu, inklużi l-parteċipanti u l-finanzjament tiegħu ⁽³⁾.
13. L-Awtorità tista' tqis ukoll bħala eliġibbli "proġett integrat", jiġifieri, grupp ta' proġetti uniċi inkorporati fi struttura, pjan direzzjonali jew programm komuni, bl-istess oġġettiv u bbażati fuq approċċ sistemiku koerenti. Il-komponenti individwali tal-proġett integrat jistgħu jirrelataw ma' livelli separati tal-katina ta' provvista imma jridu jkunu kumulattivi u neċessarji għall-kisba tal-oġġettiv importanti Ewropew ⁽⁴⁾.

3.2. Interess komuni Ewropew

3.2.1. Kriterji kumulattivi ġenerali

14. Il-proġett irid jikkontribwixxi b'mod konkret, ċar u identifikabbli għal oġġettiv tal-Unjoni jew iktar u jrid ikollu impatt sinifikanti fuq il-kompetittività taż-ŻEE, it-tkabbir sostenibbli, l-indirizzar tal-isfidi soċjetali jew il-ħolqien ta' valur madwar iż-ŻEE.

⁽¹⁾ Il-linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, kif adottati bid-Deċiżjoni Nru 321/14/COL (ĠU L 271, 16.10.2015, p. 35 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 62, 15.10.2015, p. 1). Kif spjegat fil-paragrafu 23 ta' dawk il-linji gwida, minħabba li l-eżistenza tagħha stess tkun f'periklu, impriża f'diffikultà ma tistax titqies bħala mezz xieraq għall-promozzjoni ta' oġġettivi oħra tal-politika pubblika sakemm il-vijabbiltà tagħha ma tiġix żgurata.

⁽²⁾ Ara pereżempju l-Kawża C-156/98 *Il-Ġermanja v il-Kummissjoni* UE:C:2000:467, paragrafu 78 u l-Kawża C-333/07 *Régie Networks v Rhone Alpes Bourgogne*, UE:C:2008:764, paragrafi 94-116.

⁽³⁾ Fil-każ ta' riċerka u żvilupp, meta żewġ proġetti jew aktar ma jkunux separabbli minn xulxin b'mod ċar u b'mod partikolari meta ma jkollhomx probabilitajiet indipendenti ta' suċċess teknoloġiku, dawn iridu jitqiesu bħala proġett uniku. Għajjnuna għal proġett li twassal biss għal bidla fil-post fiż-ŻEE fejn isir il-proġett mingħajr ma jinbidlu n-natura, id-daqs jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett mhux se tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli.

⁽⁴⁾ Minn hawn 'il quddiem proġett uniku u proġett integrat se jissejħu "proġett".

15. Il-proġett irid jirrappreżenta kontribuzzjoni importanti għall-oġġettivi komuni Ewropej, pereżempju billi jkun ta' importanza ewlenija għall-istrategġija Ewropa 2020, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, l-istrategġija Ewropea għall-KETs ⁽¹⁾, l-istrategġija tal-Energġija għall-Ewropa ⁽²⁾, il-qafas tal-2030 għal politiki għall-klima u l-enerġija ⁽³⁾, l-istrategġija tas-Sigurtà fl-Energġija ⁽⁴⁾, l-istrategġija tal-Elettronika għall-Ewropa, in-netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport u l-Energġija, l-inizjattivi emblematiki tal-Unjoni bħall-Unjoni tal-Innovazzjoni ⁽⁵⁾, l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa ⁽⁶⁾, l-Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi ⁽⁷⁾, jew il-Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni ⁽⁸⁾.
16. Il-proġett irid normalment jinvolvi iktar minn Parti Kontraenti waħda ⁽⁹⁾ u l-benefiċċji tiegħu jridu jkunu jmorru lil hinn mill-konfini tal-Partijiet Kontraenti finanzjaturi u jestendu għal parti wiesgħa taż-ŻEE. Il-benefiċċji tal-proġett iridu jkunu definiti b'mod ċar, konkret u identifikabbli ⁽¹⁰⁾.
17. Il-benefiċċji tal-proġett ma jridux ikunu limitati għall-impriżi jew għas-settur ikkonċernat, imma jridu jkunu ta' rilevanza u applikazzjoni usa' għall-ekonomija jew is-soċjetà Ewropea permezz ta' effetti konsegwenzjali pożittivi (bħall-effetti sistemiċi fuq livelli multipli tal-katina tal-valur, jew fuq is-swieq upstream jew downstream, jew użi alternattivi f'setturi oħrajn jew bidla modali) li jkunu definiti b'mod ċar, b'mod konkret u identifikabbli.
18. Il-proġett irid jinvolvi kofinanzjament mill-benefiċjarju.
19. Il-proġett irid jirrispetta l-prinċipju tal-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji ta' dannu ambjentali, kif imfakkar fil-Pjan Direzzjonali għal Użu Effiċjenti tar-Riżorsi ⁽¹¹⁾.

3.2.2. Indikaturi pożittivi ġenerali

20. Minbarra l-kriterji kumulattivi fit-Taqsima 3.2.1, l-Awtorità se tiegħu approċċ iktar favorevoli meta:
 - (a) il-proġett ġie maħsub sabiex jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti interessati kollha, filwaqt li jitqies it-tip ta' proġett, l-oġġettiv tiegħu u l-bżonnijiet ta' finanzjament tiegħu;
 - (b) it-tfassil tal-proġett ikun jinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea jew lil kull entità ġuridika li l-Kummissjoni Ewropea tkun iddelegatilha setghatha, bħal pereżempju l-Bank Ewropew tal-Investment;

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — "Strategġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ — Pont għat-ktabbir u l-impjieg", COM(2012) 341 finali, is-26 ta' Ġunju 2012.

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Energġija 2020 Strategġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u b'sigurtà", COM(2010) 639 finali, l-10 ta' Novembru 2010.

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu mill-2020 sal-2030", (COM(2014) 15 finali), it-22 ta' Jannar 2014.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, "Strategġija Ewropea tas-Sigurtà fl-Energġija", COM(2014) 330 finali, it-28 ta' Mejju 2014.

⁽⁵⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 — Unjoni tal-Innovazzjoni", COM(2010) 546 finali, is-6 ta' Ottubru 2010.

⁽⁶⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", COM(2010) 245 finali, is-26 ta' Awwissu 2010, kif rikonoxxuta fir-riżoluzzjoni tas-37 Laqgħa tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE tas-26 ta' Ottubru 2011.

⁽⁷⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza — Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrategġija Ewropa 2020", COM(2011) 21 finali, is-26 ta' Jannar 2011.

⁽⁸⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni — Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali", COM(2010) 614 finali, it-28 ta' Ottubru 2010.

⁽⁹⁾ Bl-eċċezzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka interkonnessa u l-proġetti TEN-T li huma ta' importanza fundamentali transnazzjonali minħabba li huma parti minn netwerk transfruntier konness jew huma essenzjali għat-titjib tal-ġestjoni tat-traffiku transfruntier jew tal-interoperabilità.

⁽¹⁰⁾ Is-sempliċi fatt li l-proġett jitwettaq minn impriżi fpajjiżi differenti, jew li infrastruttura tar-riċerka sussegwentement tintuża minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri taż-ŻEE differenti mhuwiex suffiċjenti biex proġett jikkwalifika bħala IPCEI. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li proġett jista' jkun deskritt bħala ta' interess Ewropew komuni meta jifforma parti minn programm Ewropew transnazzjonali appoġġat b'mod konġunt minn għadd ta' gvernijiet tal-Istati Membri taż-ŻEE, jew meta jkun għej minn azzjoni konċertata minn għadd ta' Stati Membri taż-ŻEE biex jegħlbu theddida komuni. Kawżi Konġunti C-62/87 u 72/87 *Exécutive régional wallon u SA Glaverbel vs. il-Kummissjoni*, UE:C:1988:132, il-paragrafu 22-23.

⁽¹¹⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi", COM(2011) 571 finali, l-20 ta' Settembru 2011.

- (c) l-għażla tal-proġett tkun tinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea jew lil kull entità ġuridika li l-Kummissjoni Ewropea tkun iddelegatilha setghatha, sakemm din l-entità tkun qed taġixxi biss għal dak l-iskop bħala struttura ta' implimentazzjoni;
- (d) l-istruttura tal-governanza tal-proġett tkun tinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea — jew lil kull entità ġuridika li l-Kummissjoni Ewropea tkun iddelegatilha setghatha — u bosta Partijiet Kontraenti;
- (e) il-proġett ikun jinvolvi interazzjonijiet kollaborattivi importanti f'termini tal-għadd ta' sħab, l-involvement tal-organizzazzjonijiet minn setturi differenti, jew l-involvement ta' impriżi ta' daqsijiet differenti;
- (f) il-proġett jinvolvi kofinanzjament mill-EFTA jew mill-fondi Ewropej tal-Unjoni ⁽¹⁾.

3.2.3. Kriterji speċifiċi

- 21. Il-proġetti ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni (RŻI) jridu jkunu ta' natura innovattiva maġġuri jew jikkostitwixxu valur miżjud importanti f'termini ta' RŻI meta mqabbel mal-aqwa fis-settur ikkonċernat.
- 22. Il-proġetti li jinkludu użu industrijali jridu jippermettu żvilupp ta' prodott jew servizz ġdid b'kontenut għoli ta' riċerka u innovazzjoni u/jew l-użu ta' proċess ta' produzzjoni fundamentalment innovattiv. L-aġġornamenti regolari mingħajr dimensjoni innovattiva ta' faċilitajiet eżistenti u l-iżvilupp ta' verżjonijiet ġodda ta' prodotti eżistenti ma jikkwalifikawx bħala IPCEI.
- 23. Proġetti ambjentali, tal-enerġija u tat-trasport iridu jew ikunu ta' importanza kbira għall-istrategġija ambjentali, tal-enerġija, inkluża s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, jew tat-trasport tal-Unjoni jew jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-suq intern, inklużi dawk is-setturi speċifiċi imma mhux limitat għalihom.

3.3. L-importanza tal-proġett

- 24. Sabiex jikkwalifika bħala IPCEI, proġett irid ikun importanti kemm fil-kwantità u kemm fil-kwalità. Huwa għandu jkun jew ta' daqs jew ta' kamp ta' applikazzjoni partikolarment kbir u/jew jimplika livell konsiderevolment għoli ta' riskju teknoloġiku jew finanzjarju.

4. Kriterji ta' kompatibilità

- 25. Fil-valutazzjoni tal-kompatibilità mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE tal-għajnuna għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' IPCEI fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE, il-Kummissjoni se tqis il-kriterji li ġejjin ⁽²⁾.
- 26. L-Awtorità se tagħmel test ta' bilanċjar, biex tivvaluta jekk l-effetti pożittivi mistennija jaqbxu l-effetti negattivi possibbli kif stabbilit hawn taħt.
- 27. Fid-dawl tan-natura tal-proġett, l-Awtorità tista' tqis li l-preżenza ta' nuqqas tas-suq jew nuqqasijiet sistemiċi importanti oħrajn, kif ukoll il-kontribut għal interess Ewropew komuni, tkun preżunta meta l-proġett ikun jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fit-Taqsima 3 hawn fuq.

4.1. Il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna

- 28. L-għajnuna ma tridx tissussidja l-kostijiet ta' proġett li impriża xorta waħda kien ikollha ġġarrab u ma tridx tikkumpensa r-riskju normali tan-negożju ta' attività ekonomika. Mingħajr l-għajnuna r-realizzazzjoni tal-proġett għandha tkun impossibbli, jew għandha tkun irrealizzata f'daqs iżgħar jew kamp ta' applikazzjoni iżgħar jew b'mod differenti li jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-benefiċċji mistennija minnu ⁽³⁾. L-għajnuna titqies bħala proporzjonali biss jekk l-istess riżultat ma jkunx jista' jinkiseb b'inqas għajnuna.

⁽¹⁾ Finanzjament mill-EFTA jew mill-Unjoni Ewropea ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra taż-ŻEE jew l-Unjoni Ewropea, li l-Partijiet Kontraenti ma jikkontrollawx direttament jew indirettament, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

⁽²⁾ Skont il-ġurisprudenza, l-Awtorità tgawdi minn diskrezzjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-IPCEIs. Kawżi Konġunti C-62/87 u 72/87 *Exécutif régional wallon u SA Glaverbel vs. il-Kummissjoni* [1988] ECR I 573, il-paragrafu 21.

⁽³⁾ L-applikazzjoni għall-għajnuna trid tippreċedi l-bidu tax-xogħlijiet, li jkun jew il-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-investment, jew l-ewwel impenn sod biex ikun ordnat tagħmir jew impenn ieħor li jaġġmel l-investment irriversibbli, skont liema jkun l-ewwel wieħed f'termini ta' żmien. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji, bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji preliminari dwar il-fattibilità, mhumiex meqjusa bħala bidu tax-xogħlijiet.

29. Il-Parti Kontraenti trid tippovdi informazzjoni adegwata lill-Awtorità dwar il-proġett megħjun flimkien ma' deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali li jikkorrispondi għal sitwazzjoni fejn ma tingħata l-ebda ghajjnuna minn l-ebda Parti Kontraenti. Ix-xenarju kontrofattwali jista' jikkonsisti fin-nuqqas ta' proġett alternattiv jew ta' proġett alternattiv definit b'mod ċar u prevedibbli biżżejjed ikkunsidrat mill-benefiċjarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tiegħu, u jista' jkun marbut ma' proġett alternattiv li huwa kompletament jew parzjalment imwettaq barra ż-ŻEE.
30. Fin-nuqqas ta' proġett alternattiv, l-Awtorità tivverifika li l-ammont ta' ghajjnuna mill-Istat ma jkunx jaqbeż il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed, pereżempju billi jsir possibbli li jinkiseb rata ta' redditu interna (internal rate of return, IRR) li tikkorrispondi għal parametru referenzjarju speċifiku jew rata minima (hurdle) tas-settur jew ditta. Rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju fi proġetti ta' investment oħra simili, il-kost tal-kapital fit-totalità tiegħu jew ir-redditu li jiġi osservat normalment fl-industrija konċernata jistgħu jintużaw ukoll għal din il-fini. Il-kostijiet u l-benefiċċji mistennija rilevanti kollha jridu jitqiesu matul il-ħajja tal-proġett.
31. Il-livell massimu ta' ghajjnuna se jkun iddeterminat fir-rigward tad-diskrepanza ta' finanzjament identifikata b'rabta mal-kostijiet eliġibbli. Jekk tkun iġġustifikata mill-analiżi tad-diskrepanza tal-finanzjament, l-intensità tal-ghajjnuna tista' tlaħħaq sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli. Id-diskrepanza tal-finanzjament tirreferi għad-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investment, imraħħsa sal-valur attwali tagħhom fuq il-bażi ta' fattur ta' skont xieraq li jirrifletti r-rata ta' redditu neċessarja għall-benefiċjarju biex iwettaq il-proġett l-iktar fid-dawl tar-riskji involuti. Il-kostijiet eliġibbli huma dawk stipulati fl-Anness ⁽¹⁾.
32. Fejn jintwera, pereżempju permezz ta' dokumenti interni ta' kumpanija, li l-benefiċjarju tal-ghajjnuna għandu għażla ċara bejn li jwettaq proġett megħjun jew proġett alternattiv mingħajr ghajjnuna, l-Awtorità tqabbel il-valuri attwali netti mistennija tal-investment fil-proġett megħjun u fil-proġett kontrofattwali, filwaqt li tqis il-probabbiltajiet tax-xenarji kummerċjali differenti li jseħħu.
33. Fl-analiżi tagħha, l-Awtorità tqis l-elementi li ġejjin:
- (a) speċifikazzjoni tal-bidla intenzjonata: trid tiġi speċifikata sew il-bidla fl-imgħiba li hija mistennija tirriżulta mill-ghajjnuna mill-Istat, jiġifieri jekk hijiex se twassal għal proġett ġdid, jew jekk humiex se jikbru d-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni jew il-veloċità tal-proġett mill-Parti Kontraenti. Il-bidla fl-imgħiba trid tiġi identifikata billi jitqabbel xi jkun ir-riżultat mistenni u l-livell ta' attivitá intenzjonat bl-ghajjnuna u mingħajrha. Id-differenza bejn iż-żewġ xenarji turi l-impatt tal-miżura tal-ghajjnuna u l-effett ta' inċentivi tagħha;
- (b) livell ta' profittabilità: meta proġett, fih innifsu, ma jkunx ta' profitt biżżejjed biex tidħol għalih impriża privata, iżda jkun iġġenera benefiċċji importanti għas-soċjetá, hemm iktar probabilitá li l-ghajjnuna jkollha effett ta' inċentivi.
34. Sabiex ikunu indirizzati d-distorsjonijiet effettivi jew potenzjali diretti jew indiretti tal-kummerċ internazzjonali, l-Awtorità tista' tqis il-fatt li, direttament jew indirettament, il-kompetituri li jinsabu barra miż-ŻEE jkunu rċevew (fl-aħħar tliet snin) jew ikunu se jirċievu, ghajjnuna ta' intensità ekwivalenti għal proġetti simili. Madankollu, meta minħabba n-natura partikolari tas-settur inkwistjoni d-distorsjonijiet tal-kummerċ internazzjonali x'aktarx li jseħħu wara aktar minn tliet snin, il-perjodu ta' referenza jista' jiġi estiż b'mod korrispondenti. Meta possibbli, il-Parti Kontraenti kkonċernata tippovdi lill-Awtorità b'biżżejjed informazzjoni biex jippermettilha tivvaluta s-sitwazzjoni, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitqies il-vantaġġ kompetittiv li għandu kompetitur minn pajjiż terz. Meta l-Awtorità ma jkollhiex evidenza li tikkonċerna l-ghajjnuna mogħtija jew proposta, tista' wkoll tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq evidenza ċirkostanzjali.
35. Meta tiġbor evidenza, l-Awtorità tista' tuża l-poteri investigattivi tagħha ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Fil-każ ta' proġett integrat, il-kostijiet eliġibbli jridu jkunu dettaljati fil-livell ta' kull proġett individwali.

⁽²⁾ Ara l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 734/2013 tat-22 ta' Lulju 2013, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 15). Fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dawn il-linji gwida, ir-Regolament (UE) Nru 734/2013 kien qed jiġi kkunsidrat għall-inkorporazzjoni tiegħu fil-Ftehim ŻEE. Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 164/2001 (ĠU L 65, 7.3.2002, p. 46 u s-Suppliment ŻEE Nru 13, 7.3.2002, p. 26).

36. L-għażla tal-istrument ta' għajjnuna trid issir fid-dawl tal-falliment tas-suq jew ta' fallimenti sistemiċi importanti oħrajn li qed jipprova jindirizza. Pereżempju, meta l-problema sottostanti tkun nuqqas ta' aċċess għal finanzjament, il-Partijiet Kontraenti għandhom normalment jirrikorru għal għajjnuna fil-forma ta' appoġġ ta' likwidità, bħal self jew garanziji ⁽¹⁾. Meta jkun meħtieġ ukoll li impriża tingħata wkoll ċertu grad ta' kondiviżjoni tar-riskju, l-istrument ta' għajjnuna magħżul normalment għandu jkun avvanz li jitħallas lura. Strument ta' għajjnuna li titħallas lura ġeneralment jitqies bħala indikatur pożittiv.
37. L-oġġettivi tas-sigurtà tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija jridu jitqiesu fl-analiżi fejn ikunu rilevanti.
38. L-Awtorità tqis b'mod iktar favorevoli proġetti li jkunu jinkludu kontribut sinifikanti mill-benefiċjarji stess jew minn investituri privati indipendenti. Kontribuzzjoni ta' assi tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll art, għandhom ikunu vvalutati bil-prezz tas-suq.
39. L-għażla tal-benefiċjarji permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, trasparenti u nondiskriminatorja titqies bħala indikatur pożittiv.

4.2. *Prevenzjoni ta' distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u test ta' bbilanċjar*

40. Il-Parti Kontraenti għandha ttiprovdi evidenza li l-miżura ta' għajjnuna proposta tikkostitwixxi strument politiku xieraq biex tindirizza l-oġġettiv tal-proġett. Miżura ta' għajjnuna ma titqiesx xierqa jekk strumenti ta' politika li joħlqu inqas distorsjoni jew tipi ta' strumenti ta' għajjnuna li joħlqu inqas distorsjoni jistgħu jiksbu l-istess riżultat.
41. Biex l-għajjnuna tkun kompatibbli, l-effetti negattivi tal-miżura ta' għajjnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-impatt fuq il-kummerċ bejn il-Parijiet Kontraenti jridu jkunu limitati u inferjuri għall-effetti pożittivi f'dak li jikkonċerna l-kontribut għall-oġġettiv tal-interess Ewropew komuni.
42. Fil-valutazzjoni tal-effetti negattivi tal-miżura ta' għajjnuna, l-Awtorità tiffoka l-analiżi tagħha fuq l-impatt prevedibbli li l-għajjnuna jista' jkollha fuq il-kompetizzjoni bejn l-impriżi fis-swieq tal-prodott ikkonċernat, inklużi s-swieq upstream jew downstream, u fuq ir-riskju ta' kapaċità eċċessiva.
43. L-Awtorità se tivvaluta r-riskju ta' esklużjoni mis-suq u d-dominanza fis-suq, b'mod partikolari f'każ ta' nuqqas jew disseminazzjoni limitata tar-riżultati tar-riċerka. Proġetti li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ⁽²⁾ jridu jiżguraw aċċess miftuħ u nondiskriminatorju għall-infrastruttura u pprezzar mhux diskriminatorji ⁽³⁾.
44. L-Awtorità se tivvaluta l-effetti negattivi potenzjali fuq il-kummerċ inkluż ir-riskju ta' tellieqa tas-sussidji bejn il-Partijiet Kontraenti li tista' tinholq speċjalment fir-rigward tal-għażla tal-post.

4.3. *Trasparenza*

45. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni li ġejja fuq sit web komprensiv dwar l-għajjnuna mill-Istat, flivell nazzjonali jew reġjonali:
- (a) it-test tal-miżura ta' għajjnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew ħolqa għalih;
- (b) l-identità tal-awtorità jew awtoritajiet li taw l-għajjnuna;
- (c) l-identità tal-benefiċjarju individwali, il-forma u l-ammont tal-għajjnuna lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip ta' impriża (SME/impriża kbira); ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju (fil-livell II tan-NUTS); u s-settur ekonomiku prinċipali fejn għandha l-attivitajiet tagħha l-impriża benefikanti (fil-livell tal-grupp NACE) ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Għajjnuna fil-forma ta' garanziji trid tkun limitata fiż-żmien, u għajjnuna fil-forma ta' self trid tkun soġġetta għal perijodi ta' ħlas lura.

⁽²⁾ Biex jiġu evitati d-dubji, linji pilota ma jitqisux bħala infrastrutturi.

⁽³⁾ Meta l-proġett jinvolvi infrastruttura tal-enerġija, dan għandu jkun soġġett għar-regolamentazzjoni dwar it-tariffi u l-aċċess u għar-rekwiżiti ta' separazzjoni skont il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern.

⁽⁴⁾ Bl-eċċezzjoni tas-sigriet kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra f'każijiet iġġustifikati kif dovut, u soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità (Kapitolu dwar is-sigriet professjonali fid-deċizzjonijiet tal-għajjnuna mill-Istat, Deċizzjoni Nru 15/04/COL, ipubblikata fil-ĠU L 154, 8.6.2006, p. 27, u Supplement taż-ŻEE Nru 29, 8.6.2006, p. 1).

46. Dan ir-rekwiżit jista' jitneħħa fir-rigward ta' għotjiet ta' għajjnuna individwali li jkunu inqas minn EUR 500 000. Din l-informazzjoni trid tkun ippubblikata wara li d-deċiżjoni tal-għoti tkun ittieħdet, trid tinżamm għal mill-inqas 10 snin u trid tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet ⁽¹⁾. Il-Partijiet Kontraenti mhux se jkunu obbligati li jipprovdu l-informazzjoni msemmija hawn fuq qabel l-1 ta' Lulju 2016.

5. Dispożizzjonijiet finali

5.1. Obbligu ta' notifika

47. Skont l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, il-Partijiet Kontraenti jridu jinfurmaw lill-Awtorità bil-quddiem bi kwalunkwe pjan għall-għoti u l-alterazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat inkluża l-għajjnuna għal IPCEI.
48. Il-Partijiet Kontraenti involuti fl-istess IPCEI huma mistiedna, meta jkun possibbli, biex jibagħtu lill-Awtorità notifika komuni.

5.2. Evalwazzjoni ex post u rappurtar

49. L-eżekuzzjoni tal-proġett irid ikun soġġett għal rappurtar regolari. Fejn xieraq, l-Awtorità tista' titlob li ssir evalwazzjoni ex post.

5.3. Dħul fis-seħħ, il-validità u r-reviżjoni

50. Dawn il-Linji Gwida se jiġu applikati mid-data tal-adozzjoni tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2020.
51. L-Awtorità se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida għall-proġetti ta' għajjnuna kollha nnotifikati li tintalab tiegħu deċiżjoni dwarhom wara li l-Linji Gwida jkunu ppubblikati fuq is-sit web tal-Awtorità, anke meta l-proġetti jkunu ġew innotifikati qabel il-pubblikazzjoni tiegħu.
52. B'konformità mal-Artikolu dwar il-applikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajjnuna illegali mill-Istat, fil-Parti II tal-Linji Gwida tal-għajjnuna mill-Istat ⁽²⁾, fil-każ ta' għajjnuna mhux notifikata, l-Awtorità tapplika dawn il-Linji Gwida jekk l-għajjnuna tkun ingħatat wara li jkunu daħlu fis-seħħ, u r-regoli fis-seħħ fiż-żmien li ngħatat l-għajjnuna għall-każijiet l-oħra kollha.
53. L-Awtorità tista' tiddeċiedi li temenda dawn il-Linji Gwida f'kull ħin li jkun meħtieġ għal raġunijiet marbuta mal-politika tal-kompetizzjoni jew biex tqis politiki oħrajn, impenji internazzjonali, żviluppi fis-swieq jew għal kull raġuni ġustifikata oħra.

⁽¹⁾ Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata fi żmien sitt xhur mid-data tal-għotja. F'każ ta' għajjnuna illegali, il-Partijiet Kontraenti se jkunu meħtieġa jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni ex post, sa mill-inqas sitt(6) xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Awtorità. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli f'format li jippermetti li jsir tiftix għad-dejta, tista' tkun estratta, u tista' faċilment tiġi ppubblikata fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 154/07/COL (ĠU L 73, 19.3.2009, p. 23 u s-Suppliment ŻEE Nru 15, 19.3.2009, p. 1).

Appendiċi

Kostijiet eliġibbli

- (a) Studji tal-fattibilità, inklużi studji tekniċi preparatorji, u l-kostijiet biex jinkisbu l-permessi meħtieġa għat-tweqqi tal-proġett.
- (b) Il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir, (inklużi installazzjonijiet u vetturi tat-trasport) sal-punt u għat-tul taż-żmien użati mill-proġett. Jekk ħajjet dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma tintużax kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkolati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà.
- (c) Il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni (jew tal-kostruzzjoni) tal-binjiet, tal-infrastruttura u l-artijiet, sal-punt u għat-tul taż-żmien użati mill-proġett. Meta dawn il-kostijiet jiġu determinati fir-rigward tal-valur ta' trasferiment kummerċjali jew tal-kostijiet tal-kapital realment imġarrba, f'paragun mal-kostijiet ta' deprezzament, il-valur residwu tal-artijiet, tal-binjiet jew tal-infrastruttura għandu jitnaqqas mid-diskrepanza tal-finanzjament, *ex ante* jew inkella *ex post*.
- (d) Il-kostijiet ta' materjali oħra, provvisti u prodotti simili meħtieġa għall-proġett.
- (e) Il-kostijiet għall-kisba, il-validazzjoni u d-difiża tal-privattivi u assi intanġibbli oħrajn. Il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet normali tas-suq, kif ukoll l-ispejjeż tal-konsulenti u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett.
- (f) Il-kostijiet amministrattivi u tal-persunal (inklużi l-ispejjeż ġenerali) direttament imġarrba għal attivitajiet ta' RŻI, inklużi dawk l-attivitajiet ta' RŻI marbuta mal-ewwel użu industrijali ⁽¹⁾, jew fil-każ ta' proġett ta' infrastruttura, imġarrba matul il-kostruzzjoni tal-infrastruttura.
- (g) F'każ ta' għajjnuna fi proġett tal-ewwel użu industrijali, in-nefqa kapitali u dik operattiva (CAPEX u OPEX), sakemm l-użu industrijali jirriżulta minn attività RŻI ⁽²⁾, u fi innifsu jinkorpora komponent importanti ferm tar-RŻI li jikkostitwixxi element integrali u neċessarju għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett. In-nefqi operattivi jridu jkunu relatati ma' tali komponent tal-proġett.
- (h) Jistgħu jiġu aċċettati kostijiet oħrajn, jekk ikunu ġġustifikati, u meta dawn ikunu marbuta bis-sħiħ mat-tweqqi tal-proġett, minbarra l-kostijiet operattivi li ma jkunux koperti mill-punt (g).

⁽¹⁾ L-ewwel użu industrijali jirreferi għat-tisħiħ ta' faċilitajiet pilota, jew għal tagħmir u faċilitajiet li jkunu l-ewwel mit-tip tagħhom u li jkopru l-passi kollha wara l-linja pilota inkluż il-fażi tal-ittestjar, iżda mhux il-produzzjoni tal-massa, u lanqas l-attivitajiet kummerċjali.

⁽²⁾ L-ewwel użu industrijali ma għandux għalfejn jitwettaq mill-istess entità li tkun wettqet l-attività RŻI, bil-kundizzjoni li dik l-entità takkwista d-drittijiet biex tuża r-riżultati li jkunu nkisbu mill-attività RŻI preċedenti, u li l-attività RŻI u l-ewwel użu industrijali jkunu tnejn koperti mill-proġett u nnotifikati flimkien.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT